IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 29.10.2014
COM(2014) 666 final

2014/0308 (CNS)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar ir-reġim tat-taxxa "octroi de mer" fir-reġjuni ultraperiferiċi Franċiżi

MT MT

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

Id-dispożizzjonijiet tat-Trattat tal-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) japplikaw għar-reġjuni l-aktar 'il bogħod (reġjuni ultraperiferiċi) tal-Unjoni. Madankollu, ir-reġjuni ultraperiferiċi Franċiżi huma esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni territorjali tad-direttivi tal-VAT u tad-dazji tas-sisa.

Id-dispożizzjonijiet tat-TFUE, b'mod partikolari l-Artikolu 110, fil-prinċipju ma jawtorizzaw l-ebda differenza fir-reġjuni ultraperiferiċi Franċiżi bejn it-tassazzjoni ta' prodotti lokali u t-tassazzjoni ta' prodotti minn Franza metropolitana, l-Istati Membri l-oħrajn jew il-pajjiżi terzi. Madankollu, l-Artikolu 349 TFUE (dak li qabel kien l-Artikolu 299(2) tat-Trattat KE) jipprevedi l-possibbiltà li jiġu introdotti miżuri speċifiċi favur dawk ir-reġjuni minħabba l-eżistenza ta' żvantaġġi permanenti li għandhom effett fuq is-sitwazzjoni ekonomika u soċjali tar-reġjuni ultraperiferiċi. Miżuri bħal dawn jikkonċernaw diversi politiki, inkluża t-tassazzjoni.

It-taxxa "octroi de mer" hija taxxa indiretta li hija applikata fuq il-fornimenti u fuq l-importazzzjonijiet ta' oġġetti fir-reġjuni ultraperiferiċi Franċiżi. Fil-prinċipju din tiġi applikata bl-istess mod fuq il-prodotti manifatturati lokalment u fuq dawk li ma humiex (prodotti ta' Franza metropolitana, ta' Stati Membri oħrajn jew ta' pajjiżi terzi)

Madankollu, id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/162/KE tal-Kunsill tal-10 ta' Frar 2004 (kif emendata bid-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2008/439/KE tad-9 ta' Ġunju 2008 u 448/2011/UE tad-19 ta' Lulju 2011), adottata abbażi tal-Artikolu 299(2) tat-Trattat tal-KE, tawtorizza lil Franza biex sal-1 ta' Lulju 2014, tapplika eżenzjonijiet jew tnaqqis tat-taxxa tal-"octroi de mer" fuq ċerti prodotti manifatturati lokalment fir-reġjuni Franċiżi ultraperiferiċi (bl-eċċezzjoni ta' Saint Martin). L-anness tad-Deċiżjoni msemmija hawn fuq jipprovdi l-lista tal-prodotti li għalihom jistgħu japplikaw l-eżenzjonijiet jew it-tnaqqis fit-taxxa. Skont il-prodott partikolari, id-differenza bejn it-tassazzjoni ta' prodotti manifatturati lokalment u t-tassazzjoni ta' prodotti oħra ma tistax taqbeż il-10, il-20 jew il-30 punt perċentwali.

Il-fini ta' dawn id-differenzi fit-tassazzjoni huwa kumpens għall-iżvantaġġi li jbatu r-reġjuni ultraperiferiċi u li jissarrfu f'żieda fil-kosti tal-poroduzzjoni, u għalhekk fil-prezz tal-prodotti manifatturati lokalment. Fin-nuqqas ta' tali miżuri speċifiċi, il-prodotti lokali se jkunu anqas kompetittivi meta mqabbla ma' dawk ġejjin minn barra, filwaqt li għandhom jitqiesu wkoll l-ispejjeż tat-trasport Għalhekk dan jagħmilha aktar diffiċli biex tinżamm il-produzzjoni lokali billi l-ispejjeż tal-produzzjoni huma aktar għolja.

Minbarra dan, id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/162/UE tal-11 ta' Marzu 2014 estendiet l-applikazzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/162/KE għall-Majott b'seħħ mill-1 ta' Jannar 2014, id-data li fiha l-Majott saret reġjun ultraperiferiku, u ddeskriviet liema prodotti jistgħu jkunu soġġettati għal tassazzjoni differenzjata tal-"octroi de mer" u fi ħdan liema limiti.

Fl-aħħar nett biex il-Kummissjoni tkun tista' tittermina l-investigazzjoni tal-applikazzjoni Franċiża, id-Deċiżjoni tal-Kunsill 378/2014/UE tat-12 ta' Ġunju 2014 ġiet estiża b'sitt (6) xhur mid-data tal-applikazzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/162/KE, sal-31 ta' Diċembru 2014 minflok sal-1 ta' Lulju 2014.

Din il-proposta għandha l-għan li tipprovdi l-qafas ġuridiku applikabbli għat-taxxa "octroi de mer" mill-1 ta' Jannar 2015 sal-31 ta' Diċembru 2020. Il-proposta terġa testendi b'sitt xhur, id-Deċiżjoni 2004/162/KE biex Franza jkollha ż-żmien meħtieġ biex tittrasponi d-

dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni tal-Kunsill il-ġdida fil-liġi nazzjonali tagħha u tipprovdi qafas ġuridiku ġdid applikabbli mill-1 ta' Lulju 2015 sal-31 ta' Diċembru 2020

2. IR-RIŻULTATI TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET INTERESSATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/162/KE tal-Kunsill tal-10 ta' Frar 2004 (kif emendata bid-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2008/439/KE tad-9 ta' Ġunju 2008 u 448/2011/UE tad-19 ta' Lulju 2011, 2014/162/UE tal-11 ta' Marzu 2014 u 378/2014/UE tat-12 ta' Ġunju 2014) tawtorizza lil Franza biex sal-31 ta' Diċembru 2014, tapplika eżenzjonijiet jew tnaqqis tat-taxxa tal-"octroi de mer" fuq ċerti prodotti manifatturati lokalment fir-reġjuni Franċiżi ultraperiferiċi (bl-eċċezzjoni ta' Saint Martin). L-anness tad-Deċiżjoni msemmija hawn fuq jipprovdi l-lista tal-prodotti li għalihom jistgħu japplikaw l-eżenzjonijiet jew it-tnaqqis fit-taxxa. Skont il-prodotti partikolari, id-differenza bejn it-tassazzjoni ta' prodotti manifatturati lokalment u t-tassazzjoni ta' prodotti oħra ma tistax taqbeż l-10, l-20 jew it-30 punt perċentwali.

Id-Deċiżjoni 2004/162/KE tesponi r-raġunijiet li mmotivaw l-adozzjoni tal-miżuri speċifiċi: l-iżolament, id-dipendenza fir-rigward tal-materja prima u tal-enerġija, l-obbligu li jżiedu l-istokkijiet, id-daqs żgħir tas-suq lokali u l-livell baxx tal-attività ta' esportazzjoni eċċ. Dawn l-iżvantaġġi kollha ġabu żieda fl-ispejjeż tal-produzzjoni u b'hekk tal-prezz ta' kemm iqumu l-oġġetti mmanifatturati lokalment li, fin-nuqqas ta' miżuri speċifiċi, se jkunu inqas kompetittivi minn dawk li ġejjin minn barra, anke b'kunsiderazzjoni tal-ispejjeż ta' trasport lejn id-DOM. Dan se jagħmliha iktar diffiċli biex tinżamm il-produzzjoni lokali. Il-miżuri speċifiċi li hemm fid-Deċiżjoni 2004/162/KE ġew maħsuba bil-għan li tissaħħaħ l-industrija lokali billi tittejjeb il-kompetittività tagħha.

L-awtoritajiet Franċiżi huma tal-opinjoni li l-iżvantaġġi li jbatu r-reġjuni ultraperiferiċi Franċiżi jippersistu u bejn il-25 ta' Jannar u s-7 ta' Ġunju 2013 u dawn bagħtu bosta ittri indirizzati lill-Kummissjoni Ewropea fejn talbu li tinżamm sistema ta' tassazzjoni differenzjata simili għas-sistema attwali b'seħħ mill-1 ta' Lulju 2014 sal-31 ta' Diċembru 2020. L-awtoritajiet Franċiżi jsostnu li l-iżvantaġġi msemmija qabel għandhom karattru permanenti, li r-reġim ta' tassazzjoni previst bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/162/KE ppermetta biex tinżamm u f'ċerti każijiet biex tiġi żviluppata l-produzzjoni lokali u li dan ma kienx jikkostitwixxi gwadann għall-impriżi benefiċjarji safejn, kollha flimkien, l-importazzjonijiet tal-prodotti soġġettati għal tassazzjoni differenzjata ma komplewx jiżdiedu.

L-analiżi tal-listi tal-prodotti li għalihom l-awtoritajiet Franċiżi jixtiequ japplikaw tassazzjoni differenzjata hi proċess twil li teħtieġ l-awditjar, għal kull prodott, tar-raġunijiet għat-tassazzjoni differenzjata u l-proporzjonalità tat-taxxa, sabiex tiġi żgurata li t-tassazzjoni differenzjata ma tnaqqasx l-integrità u l-koerenza tal-ordni legali tal-Unjoni, inklużi s-suq intern u l-politiki komuni.

Dan ix-xogħol għadu ma tlestiex minħabba n-numru kbir ta' prodotti involuti (bosta mijiet) u l-kwantità ta' informazzjoni li trid tingħabar fuq l-istruttura tas-swieq tal-prodotti kkonċernati : l-eżistenza ta' produzzjoni lokali, l-eżistenza ta' "importazzjonijiet" sinifikattivi (inklużi dawk minn Franza metropolitana u minn Stati Membri oħrajn) jistgħu jfixklu l-kontinwazzjoni tal-produzzjoni lokali, in-nuqqas ta' kull monopolju jew kważi monopolju fil-produzzjoni lokali, il-ġustifikazzjoni ta' kostijiet addizzjonali tal-produzzjoni li huma ta' xkiel għal prodotti lokali meta mqabbla ma' prodotti "importati", u kontrolli biex jiġi żgurat li t-tassazzjoni differenzjata ma tkunx inkompatibbli ma' politiki oħrajn tal-Unjoni.

Għalhekk in-nuqqas ta' produzzjoni lokali li fuqha tista' tiġi applikata l-"octroi de mer" jagħmilha inutli l-entrata fil-lista tal-prodotti li jistgħu jkunu soġġetti għal tassazzjoni differenzjata. F'dak li għandu x'jaqsam mad-definizzjoni tal-prodotti li jikkostitwixxu l-produzzjoni lokali, b'mod ġenerali nżammu d-deskrizzjonijiet l-aktar preċiżi possibbli tan-nomenklatura magħquda doganali. Fi kwalunkwe każ, f'ċerti każijiet, u għall-prodotti li jidhru fil-listi attwali tal-prodotti li jistgħu jkunu soġġetti għal tassazzjoni differenzjata, nżammu d-deskrizzjonijiet b'erba' ċifri tan-nomenklatura doganali meta ma kienx hemm il-possibbiltà li jinkisbu d-deskrizzjonjiet doganali aktar preċiżi b'aktar minn erba' ċifri. F'dan il-każ, huwa possibbli li d-deskrizzjonijiet doganali ta' erba' ċfri li nżammu jkopru l-marġni ta' prodotti li għalihom ma teżistix produzzjoni lokali.

Fir-rigward tal-valutazzjoni tal-kostijiet addizzjonali tal-produzzjoni li t-tassazzjoni differenzjata għandha l-għan li tikkumpensa għalihom, għal kull prodott jew għal kull grupp ta' prodotti meta bosta prodotti jkollhom kostijiet tal-produzzjoni simili, l-awtoritajiet Franċiżi, taw valutazzjoni tal-kostijiet żejda tal-produzzjoni mġarrba mill-impriżi lokali, skont il-każ : spejjeż tal-provvista, salarji, kostijiet ogħla tal-enerġija, kostijiet finanzjarji li jirrizultaw minn ħażniet akbar, spejjeż ogħla tal-manutenzjoni, nuqqas ta' utilizzazzjoni tal-impjanti ta' produzzjoni u drittijiet finanzjarji ogħla. Ġie vverifikat li l-kostijiet addizzjonali kkalkulati mhumiex anqas mit-tassazzjoni differenzjata mitluba mill-awtoritajiet Franċiżi.

Il-proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill bħad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/162/KE tawtorizza lil Franza biex, sal-31 ta' Diċembru 2020, tagħti eżenzjonijiet jew tnaqqis tat-taxxa "octroi de mer" fuq ċerti prodotti manifatturati fir-reġjuni ultraperiferiċi Franċiżi (għajr Saint Martin). L-anness tad-Deċiżjoni msemmija hawn fuq jipprovdi l-lista tal-prodotti li għalihom jistgħu japplikaw l-eżenzjonijiet jew it-tnaqqis fit-taxxa. Skont liema jkun il-prodott, id-differenza bejn it-tassazzjoni ta' prodotti manifatturati lokalment u t-tassazzjoni ta' prodotti oħra ma tistax taqbeż l-10, l-20 jew it-30 punt perċentwali. Il-parti A tal-Anness telenka l-prodotti li għalihom id-differenza fit-tassazzjoni ma tistax taqbeż l-10 punti perċentwali, il-parti B telenka dawk il-prodotti li għalihom id-differenza ma tistax taqbeż l-20 punt perċentwali, u fl-aħħar nett fil-parti C hemm dawk li għalihom id-differenza ma tistax taqbeż it-30 punt perċentwali.

Il-prodotti li jidhru fl-Anness huma fil-biċċa l-kbira l-istess prodotti li jidhru fl-Anness tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/162/KE. Madankollu wara eżami sħiħ mill-ġdid tal-listi, ġew irtirati għadd ta' prodotti li għalihom ma kienx hemm jew ma kinitx baqa' teżisti produzzjoni lokali Min-naħa l-oħra żdiedu xi prodotti li ma jidhrux fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/162/KE iżda li għalihom inbdiet produzzjoni ġdida jew ġiet żviluppata produzzjoni, diġà żdiedu mal-lista tal-prodotti. Fl-aħħar nett, ċerti prodotti nżammu fil-listi iżda t-tassazzjoni differenzjata awtorizzata għal dawn il-prodotti żdiedet (billi pereżempju ġew ittrasferiti minn Parti A għal Parti B tal-Anness) jew tnaqqset (billi pereżempju ġew ittrasferiti minn Parti C għal Parti B) sabiex jitqiesu l-iżvilupp fil-kostijiet addizzjonali. Skont is-sistema attwali, il-produtturi lokali b'fatturat annwali ta' anqas minn EUR 550 000 jistgħu jkunu eżentati mill-ħlas tat-taxxa tal-"octroi de mer". Franza esprimiet ix-xewqa li din l-eżenzjoni tonqos għal EUR 300 000. Madankollu, biex takkumpanja dan it-tnaqqis fil-limitu tal-eżenzjoni għall-"octroi de mer", Franza tixtieq tissimplifika l-kondizzjonijiet għall-eżenzjoni tal-intrapriżi li l-bejgħ totali annwali tagħhom hija taħt it-EUR 300 000. Skont is-sistema proposta, l-operaturi li l-bejgħ totali annwali tagħhom huwa taħt dan il-limitu ma jkunux soġġetti għat-taxxa tal-"octroi de mer". Biex jagħmlu tajjeb għal dan, huma ma jistgħux inaqqsu l-ammont ta' din it-taxxa mġarrba. Għalhekk din is-sistema hija simili għas-sistema tal-VAT speċjali għal intrapriżi żgħar stipulati fl-Artikoli 282 *et seq.* tad-Direttiva dwar il-VAT 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006. Għalhekk sistema bħal din tidher li hija aċċettabbli. F'dan il-każ partikolari, Franza jkollha tapplika l-eżenzjonijiet tat-taxxa jew it-tnaqqis imsemmija fl-

Artikolu 1 tal-proposta lill-operaturi kollha li għandhom bejgħ annwali ta' mill-anqas EUR 300 000.

Il-koerenza mar-regoli tal-politika agrikola tfisser li titwarrab l-applikazzjoni tat-taxxa differenzjata għall-prodotti tal-ikel kollha li jibbenefikaw mill-għajnuna skont il-Kapitolu III tar-Regolament (UE) Nru 228/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Marzu 2013 li jistabbilixxi miżuri speċifiċi għall-agrikoltura fir-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjon, u magħha b'mod partikolari ir-reġim tal-arranġamenti speċifiċi ta' provvista. Din il-miżura tevita l-effett li li tintemm jew titnaqqas l-għajnuna finanzjarja għall-agrikoltura mogħtija skont l-arranġamenti speċifiċi ta' provvista minħabba t-tassazzjoni ogħla tal-prodotti ssussidjati u soġġetti għat-taxxa tal-"octroi de mer". Għal dan il-fini, l-awtoritajiet Franċiżi qablu mal-irtirar tal-prodotti kollha li għalihom se jintalbu l-arranġamenti speċifiċi ta' provvista għal-2015, mil-listi tal-prodotti li jistgħu jkunu soġġetti għat-tassazzjoni differenzjata.

L-oġġettivi tal-appoġġ għall-iżvlupp soċjali u ekonomiku tad-Dipartimenti Franċiżi extra-Ewropej, kif previst diġà fid-Deċiżjoni 2004/162/KEE, huma kkonfermati mir-rekwiżiti dwar l-għan tat-taxxa. Huwa obbligu legali li d-dħul minn din it-taxxa jiġi inkorporat fir-riżorsi tar-reġim ekonomiku u tat-taxxa tad-Dipartimenti Franċiżi extra-Ewropej u li jiġi allokat għal strateġija tal-iżvilupp ekonomiku u soċjali li tinvolvi għajnuna għall-promozzjoni tal-attivitajiet lokali.

Il-proposta tipprevedi l-estensjoni b'sitt xhur il-perjodu tal-applikazzjoni tad-Deċiżjoni 2004/162/KE sat-30 ta' Ġunju 2015. Din il-miżura tagħti lil Franza ż-żmien meħtieġ biex tittrasponi d-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni tal-Kunsill il-ġdida fil-liġi nazzjonali tagħha.

Is-sistema l-ġdida tapplika għal ħames snin u sitt xhur. Madankollu se jkun meħtieġ li jiġu evalwati r-riżultati tiegħu. Għalhekk sal-31 ta' Diċembru 2017, l-awtoritajiet Franċiżi għandhom jissottomettu rapport lill-Kummissjoni rigward l-applikazzjoni tal-arranġamenti tat-taxxa introdotti, sabiex tivvaluta l-impatt tal-miżuri meħuda u l-kontribut tagħhom għall-promozzjoni jew għaż-żamma tal-attivitajiet ekonomiċi lokali, fid-dawl tal-iżvantaġġi li jaffettwaw ir-reġuni ultraperiferiċi, kif ukoll biex tivverifika jekk il-benefiċċji tat-taxxa mogħtija lil Franza għal prodotti manifatturati lokalment għad humiex neċessarji u proporzjonati. Fuq il-bażi ta' dan ir-rapport, il-Kummissjoni se tissottometti rapport lill-Kunsill u, jekk ikun meħtieġ proposta għall-adattament tad-dispożizzjonijiet ta' din id-Deċiżjoni skont is-sejbiet li jkunu saru.

Sabiex jiġi evitat kull nuqqas legali, din id-Deċiżjoni għandha tapplika mill-1 ta' Lulju 2015.

Din id-Deċiżjoni hija bla preġudizzju għall-applikazzjoni possibbli tal-Artikoli 107 u 108 tat-TFUE,

3. ELEMENTI ĠURIDIĊI TAL-PROPOSTA

Sommarju tal-miżuri proposti

L-awtorizzazzjoni biex Franza tapplika eżenzjonijiet jew tnaqqis tat-taxxa tal-"octroi de mer" għal ċerti prodotti manifatturati lokalment fir-reġuni ultraperiferiċi Franċiżi tal-Gwadelup, il-Gujana Franċiża, Martinique, il-Majott u Réunion.

Bażi ġuridika

L-Artikolu 349 tat-TFUE.

Il-prinċipju tas-sussidjarjetà

Il-Kunsill biss għandu s-setgħa li jadotta, abbażi tal-Artikolu 349 TFUE, miżuri speċifiċi favur ir-reġjunijiet ultraperiferiċi għall-adattament tal-applikazzjoni tat-Trattati għal dawn ir-reġjuni, inkluża l-politika komuni, minħabba l-iżvantaġġi permanenti li jħallu impatt fuq il-kundizzjonijiet ekonomiċi u soċjali tar-reġjuni ultraperiferiċi.

Għaldaqstant, il-proposta hija konformi mal-prinċipju tas-sussidjarjetà.

Il-prinċipju tal-proporzjonalità

Il-proposta tikkonforma mal-prinċipju tal-proporzjonalità għar-raġunijiet li ġejjin.

Tikkonċerna biss il-prodotti li għalihom saru ġustifikazzjonijiet fir-rigward ta' kostijiet addizzjonali li jaffettwaw il-prodotti manifatturati lokalment.

Bl-istess mod, id-differenzjal massimu propost għal kull prodott milqut minn din il-proposta huwa limitat għal dak li hu meħtieġ fid-dawl tal-kostijiet addizzjonali li jaffettwaw il-produzzjoni lokali konċernata f'kull każ. B'dan il-mod, il-piż fiskali fuq il-prodotti importati fir-reġjuni ultraperiferiċi Franċiżi mhuwiex se jaqbeż dak li hu meħtieġ biex tiġi kkumpensata l-kompetittività tal-prodotti manifatturati lokalment vis-à-vis dawn il-prodotti.

Għażla tal-istrument

Strument propost: Deċiżjoni tal-Kunsill.

Mezzi oħra ma jkunux tajbin minħabba r-raġuni li ġejja:

Id-derogi mogħtija skont l-Artikolu 349 tat-TFUE jinsabu fid-Deċiżjonijiet tal-Kunsill.

4. IMPLIKAZZJONI BAĠITARJA

Il-proposta ma għandha l-ebda impatt fuq il-baġit tal-Unjoni Ewropea.

2014/0308 (CNS)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar ir-reġim tat-taxxa "octroi de mer" fir-reġjuni ultraperiferiċi Franċiżi

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Europea, u b'mod partikolari l-Artikolu 349 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew[1],

Waqt li jaġixxi skont proċedura leġiżlattiva speċjali,

Billi:

(1) Id-dispożizzjonijiet tat-Trattat, li japplikaw għar-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni, li minnhom jagħmlu parti d-Dipartimenti Franċiżi extra-Ewropej (DOM), fil-prinċipju ma jawtorizzaw l-ebda tassazzjoni differenzjata bejn il-prodotti lokali u dawk li joriġinaw minn Franza metropolitana jew minn Stati Membri oħrajn. L-Artikolu 349 TFUE jipprevedi madankollu l-possibbiltà li jiġu introdotti miżuri speċifiċi favur dawk ir-reġjuni minħabba l-eżistenza ta' żvantaġġi permanenti li għandhom effett fuq is-sitwazzjoni ekonomika u soċjali tar-reġjuni l-aktar 'il bogħod (ir-reġjuni ultraperiferiċi).

(2) Għalhekk għandhom jiġu adottati miżuri speċifiċi li jistabbilixxu, b'mod partikolari l-kondizzjonijiet għall-applikazzjoni tat-Trattat għal dawn ir-reġjuni. Dawn il-miżuri għandhom iqisu l-karatteristiċi speċjali u r-restrizzjonijiet ta' dawn ir-reġjuni, mingħajr ma jnaqqsu l-integrità u l-koerenza tal-ordni legali tal-Unjoni, inklużi s-suq intern u l-politiki komuni. L-iżvantaġġi li jbatu minnhom ir-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni huma msemmija fl-Artikolu 349 tat-Trattat : l-iżolament, id-dipendenza fir-rigward tal-materja prima u tal-enerġija, l-obbligu li jkollhom istokkijiet kbar, id-daqs żgħir tas-suq lokali flimkien mal-livell baxx tal-attività ta' esportazzjoni eċċ. Dawn l-iżvantaġġi kollha jikkostitwixxu żieda fil-kostijiet tal-produzzjoni u b'hekk tal-prezz ta' kemm iqumu l-oġġetti mmanifatturati lokalment li, fin-nuqqas ta' miżuri speċifiċi, se jkunu inqas kompetittivi minn dawk li ġejjin minn barra, anke b'kunsiderazzjoni tal-ispejjeż tat-trasport lejn id-DOM. Dan se jagħmliha iktar diffiċli biex tinżamm il-produzzjoni lokali. Huwa għalhekk neċessarju li jittieħdu miżuri speċifiċi li jtejbu l-kompetittività bil-għan li tissaħħaħ l-industrija lokali. Bil-għan li tkun restawrata l-kompetittività tal-prodotti manifatturati lokalment, sal-31 ta' Diċembru 2014, id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/162/KE tawtorizza lil Franza biex tapplika eżenzjonijiet jew tnaqqis tat-taxxa tal-"octroi de mer" għal ċerti prodotti manifatturati fir-reġjuni ultraperiferiċi tal-Gwadelup, tal-Gujana Franċiża, ta' Martinique, ta' Réunion u, b'seħħ mill-1 ta' Jannar 2014, tal-Majott. L-anness tad-Deċiżjoni msemmija hawn fuq

[1] ĠU C, , p. .

jipprovdi l-lista tal-prodotti li għalihom jistgħu japplikaw l-eżenzjonijiet jew it-tnaqqis tat-taxxa. Skont liema jkun il-prodott, id-differenza fit-tassazzjoni ta' prodotti manifatturati lokalment u t-tassazzjoni ta' prodotti oħra ma tistax taqbeż l-10, l-20 jew it-30 punt perċentwali.

(3) Franza talbet biex mill-1 ta' Jannar 2015 tinżamm sistema simili għal dik tad-Deċiżjoni 2004/162/KE. L-awtoritajiet Franċiżi jsostnu li l-iżvantaġġi msemmija qabel għandhom karattru permanenti, li r-reġim ta' tassazzjoni previst bid-Deċiżjonit al-Kunsill 2004/162/KE ippermetta biex tinżamm u f'ċerti każijiet biex tiġi żviluppata l-produzzjoni lokali u li dan ma kienx jikkostitwixxi gwadann għall-impriżi benefiċjarji għaliex, kumplessivament, l-importazzjonijiet tal-prodotti soġġettati għal tassazzjoni differenzjata komplew jiżdiedu.

(4) B'rabta ma' dan, għal kull reġjun ultraperiferiku konċernat (il-Gwadelup, il-Gujana Franċiża, Martinique, il-Majott u Réunion), Franza bagħtet ħames listi ta' prodott lill-Kummissjoni li għalihom qed tipproponu l-aplikazzjoni tat-tassazzjoni differenzjata tal-10, l-20 jew it-30 punt perċentwali, skont jekk il-prodotti humiex manifatturati lokalment jew le. Ir-reġjun ultraperiferiku Franċiż ta' Saint Martin mhuwiex affettwat.

(5) Din id-Deċiżjoni timplimenta d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 349 tat-Trattat u tawtorizza lill-awtoritajiet Franċiżi biex japplikaw sistema ta' tassazzjoni differenzjata għall-prodotti li għalihom hija ġġustifikata l-ewwel nett, minħabba l-eżistenza ta' produzzjoni lokali, it-tieni nett minħabba l-eżistenza ta' dħul sinifikanti ta' oġġetti (inkluż ta' oriġini minn Franza metropolitana u Stati Membri oħra) li jistgħu jikkompromettu ż-żamma tal-produzzjoni lokali u fl-aħħar nett l-eżistenza ta' kostijiet addizzjonali li jgħollu l-prezz ta' renditu tal-produzzjoni lokali meta mqabbel mal-prodotti li joriġinaw minn barra u li jikkompromettu l-kompetittività tal-prodotti manifatturati lokalment. It-tassazzjoni differenzjata awtorizzata ma għandhiex tissupera l-kostijiet addizzjonali ġustifikati. L-applikazzjoni ta' dawn il-prinċipji għandha tippermetti l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 349 tat-Trattat mingħajr ma tmur lil hinn dak li hu meħtieġ u mingħajr ma jinħoloq vantaġġ mhux ġustifikat għall-produzzjoni lokali, sabiex b'hekk ma jitnaqqsux l-integrità u l-koerenza tal-ordni legali tal-Unjoni, u dan jinkludi s-salvagwardja tal-kompetizzjoni mhux imfixkla fis-suq intern u tal-politiki dwar l-għajnuna Statali.

(6) Sabiex jiġu ssimplifikati l-obbligi tal-intrapriżi żgħar, l-eżenzjonijiet tat-taxxa jew it-tnaqqis se jaffettwaw l-operaturi kollha li għandhom bejgħ totali annwali ta' mill-anqas EUR 300 000. L-operaturi li għandhom bejgħ totali annwali taħt dak il-limitu mhumiex soġġetti għat-taxxa tal-"octroi de mer"; madankollu biex jagħmlu tajjeb għal dan, ma jistgħux inaqqsu l-ammont ta' din it-taxxa mġarrba "upstream".

(7) B'mod simili, il-koerenza mal-liġi Komunitarja tfisser li titwarrab l-applikazzjoni ta' taxxa differenzjata fuq il-prodotti tal-ikel li jibbenefikaw minn għajnuna skont il-Kapitolu III tar-Regolament (UE) Nru 228/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.[2] Din il-miżura tevita l-effett li tintemm jew titnaqqas l-għajnuna finanzjarja għall-agrikoltura mogħtija skont l-arranġamenti speċifiċi ta' provvista, minħabba t-tassazzjoni ogħla tal-prodotti ssussidjati u soġġetti għat-taxxa tal-"octroi de mer".

(8) L-oġġettivi tal-appoġġ għall-iżvlupp soċjoekonomiku tad-Dipartimenti Franċiżi extra-Ewropej, kif previst diġà fid-Deċiżjoni 2004/162/KEE, huma kkonfermati mir-

[2] Ir-Regolament (UE) Nru 228/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Marzu 2013 li jistabbilixxi miżuri speċifiċi għall-agrikoltura fir-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 247/2006 (ĠU L 78, 20.3.2013, p. 23).

rekwiżiti dwar l-għan tat-taxxa. Huwa obbligu legali li d-dħul minn din it-taxxa jiġi inkorporat fir-riżorsi tar-reġim ekonomiku u tat-taxxa tad-Dipartimenti Franċiżi extra-Ewropej u li jiġi allokat għal strateġija tal-iżvilupp ekonomiku u soċjali li tinvolvi għajnuna għall-promozzjoni tal-attivitajiet lokali.

(9) Il-proposta tinvolvi l-estensjoni b'sitt (6) xhur tal-perjodu tal-applikazzjoni tad-Deċiżjoni 2004/162/KE sat-30 ta' Ġunju 2015. Dan il-perjodu se jippermetti lil Franza tittrasponi din id-Deċiżjoni fil-liġi nazzjonali tagħha.

(10) L-arranġamenti għandhom japplikaw għal ħames snin u sitt xhur, sal-31 ta' Diċembru 2020, meta l-linji gwida attwali dwar l-għajnuna Statali fil-livell reġjonali ma jibqgħux japplikaw. Madankollu, ir-riżultati tal-applikazzjoni ta' dan ir-reġim ta' arranġamenti se jkollhom jiġu vvalutati. Għalhekk, sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2017, l-awtoritajiet Franċiżi għandhom jissottomettu lill-Kummissjoni rapport dwar l-applikazzjoni tar-reġim ta' tassazzjoni, billi jindikaw l-impatt tal-miżuri meħuda u l-kontribuzzjoni tagħhom għall-promozzjoni jew għaż-żamma tal-attivitajiet ekonomiċi lokali, filwaqt li jiġu kkunsidrati l-iżvantaġġi li jaffettwaw ir-reġjuni ultraperiferiċi. Ir-rapport se jivverifika jekk il-benefiċċji fiskali mogħtija lil Franza għal prodotti manifatturati lokalment ma jmorrux lil hinn dak li hu strettament meħtieġ u li dawn il-benefiċċji huma dejjem neċessarji u proporzjonati. Ir-rapport għandu jkun fih ukoll analiżi tal-impatt tar-reġim introdott għall-prezzijiet fir-reġjuni ultraperiferiċi Franċiżi. Fuq il-bażi ta' dan ir-rapport, il-Kummissjoni għandha tissottometti rapport u, skont il-każ, proposta lill-Kunsill għall-fini tal-adattament tad-dispożizzjonijiet ta' din id-Deċiżjoni skont is-sejbiet li jkunu saru.

(11) Sabiex tiġi evitata kull lakuna legali, jeħtieġ li din id-Deċiżjoni tapplika b'seħħ mill-1 ta' Lulju 2015

(12) Din id-Deċiżjoni hija bla preġudizzju għall-applikazzjoni futura tal-Artikoli 107 u 108 tat-TFUE,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. B'deroga mill-Artikoli 28, 30 u 110 tat-Trattat, Franza hija awtorizzata biex, sal-31 ta' Diċembru 2020, tapplika eżenzjonijiet jew tnaqqis tat-taxxa tal-"octroi de mer" fuq il-prodotti elenkati fl-Anness li huma manifatturati lokalment fil-Gwadelup, fil-Gujana Franċiża, f'Martinique, fil-Majott u f'Réunion, bħal reġjuni ultraperiferiċi skont it-tifsira tal-Artikolu 349 tat-Trattat.

Dawn l-eżenzjonijiet jew tnaqqis għandhom ikunu parallel mal-istrateġija tal-iżvilupp soċjali u ekonomiku tar-reġjuni ultraperiferiċi konċernati, billi jqisu l-qafas Komunitarja tagħha, u għandhom jikkontribwixxu għall-promozzjoni tal-attivitajiet lokali filwaqt li ma jkunux tali li jaffettwaw b'mod negattiv il-kundizzjonijiet kummerċjali b'mod li jmorru kontra l-interess komuni.

2. Fir-rigward tar-rata tat-tassazzjoni applikata għal prodotti simili li ma joriġinawx fir-reġjuni ultraperiferiċi konċernati, l-applikazzjoni tal-eżenzjonijiet totali jew tat-tnaqqis imsemmija fil-paragrafu 1 ma tistax tirriżulta f'differenzi ta' aktar minn:

a) l-għaxar punti perċentwali għall-prodotti indikati fil-Parti A tal-Anness;

b) l-għoxrin punt perċentwali għall-prodotti indikati fil-Parti B tal-Anness;

c) it-tletin punt perċentwali għall-prodotti indikati fil-Parti C tal-Anness.

Franza għandha timpenja ruħha li l-eżenzjonijiet jew it-tnaqqis applikati fuq il-prodotti msemmija fl-Anness ma jaqbżux il-perċentwali strettament meħtieġ għaż-żamma, għall-promozzjoni jew għall-iżvilupp tal-attivitajiet lokali.

3. Franza għandha tapplika l-eżenzjonijiet jew it-tnaqqis tat-taxxa msemmija fiż-żewġ paragrafi preċedenti għall-operaturi li l-bejgħ totali annwali tagħhom jammonta għal jew jaqbeż it-EUR 300 000. L-operaturi kollha li l-bejgħ totali annwali tagħhom huwa taħt dan il-limitu mhumiex soġġetti għat-taxxa tal-"octroi de mer".

Artikolu 2

Għall-prodotti li jibbenefikaw mir-reġim tal-arranġamenti speċifiċi ta' provvista previst fil-Kapitolu III tar-Regolament (UE) Nru 228/2013, l-awtoritajiet Franċiżi għandhom japplikaw l-istess reġim ta' tassazzjoni li tapplika għall-prodotti manifatturati lokalment.

Artikolu 3

Immedjatament Franza għandha tinnotifika lill-Kummissjoni bir-reġimi ta' tassazzjoni msemmija fl-Artikolu 1.

Sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2017, l-awtoritajiet Franċiżi għandhom jissottomettu lill-Kummissjoni rapport dwar l-applikazzjoni tar-reġim ta' tassazzjoni msemmi fl-Artikolu 1, billi jindikaw l-impatt tal-miżuri meħuda u l-kontribuzzjoni tagħhom għall-promozzjoni jew għaż-żamma tal-attivitajiet ekonomiċi lokali, filwaqt li jiġu kkunsidrati l-iżvantaġġi li jaffettwaw ir-reġjuni ultraperiferiċi.

Fuq il-bażi ta' dan ir-rapport, il-Kummissjoni għandha tissottometti rapport u, skont il-każ, proposta lill-Kunsill.

Artikolu 4

L-Artikolu 1(1) tad-Deċiżjoni 2004/162/KE, kif emendata bid-Deċiżjoni Nru 378/2014/UE tat-12 ta' Ġunju 2014, id-data tal-"31 décembre 2014" tinbidel bid-data tat-"30 ta' Ġunju 2015".

Artikolu 5

L-Artikoli 1 sa 3 jibdew japplikaw mill-1 ta' Lulju 2015.

L-Artikolu 4 jibda japplika mill-1 ta' Jannar 2015.

Artikolu 6

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Franċiża.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President